MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 1010/2009

Paul Mercieca (Id. 235352M) personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' civili Deloitte & Touche.

Vs

Mowjow Limited (C 39125).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur pro et noe qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, u erba u tletin ewro u centezmu (€2,034.01) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti servizzi rezi u VAT relattiv, skond il-fattura datata 14 ta' Novembru 2006. Bl-ispejjes inkluz tal-interpellazzjonijiet tal-24 ta' Novembru 2009 u tat-30 ta' Novembru 2009 u bl-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mill-14 ta' Novembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur pro et noe s-somma ta' elfejn, u erba u tletin ewro u centezmu (€2,034.01), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------